# Il-bini tal-Kunvent ta' Għawdex



kitba ta'

Ġorġ Attard, O.F.M. Conv.

Illum kulħadd jaqbel li ħutna l-Patrijiet ta' San Franġisk ġew Għawdex fis-sena 1489. Dak iż-żmien l-Ordni Franġiskan, jiġifieri l-Ordni li waqqaf San Franġisk ta' Assisi, kien għadu ma nqasamx, għad li diġà kienu jeżistu l-partiti. Dawn il-partiti mhux l-ewwel darba li nqabdu f'argumenti sħan dwar x'ħajja ried San Franġisk li jgħixu s-segwaċi tiegħu.

It-tielet kopja tal-*Cabreo*, miktuba fl-1725, u miżmuma b'għożża fil-Kunvent tagħna, tgħidilna li meta ġew il-patrijiet minn Sqallija, ingħataw biċċa propjetà fejn għadhom jinsabu sa llum, f'liema art kienu jeżistu diversi għerien u li kienu kbar biżżejjed biex jgħixu fihom. Iż-żona kienet indikata b'salib li sa llum għadu jeżisti fil-Pjazza u li ġie rrestawrat dan l-aħħar grazzi għall-koperazzjoni mill-Ministeru.

Skont l-aħħar ktieb ta' Patri Alessandru Bonnici O.F.M. Conv., dawn l-għerien kienu xi ftit skomdi, iżda kienu ta' kenn mill-attakki tal-furbani. Għalhekk, dejjem skond Patri Alessandru, huma għexu fl-għerien għal żmien qasir ħafna. Meta bdew jibnu l-kunvent eżatt ma nafux, iżda nistgħu ngħidu li mill-ewwel bdew jaħsbu għax fl-1535 diġà kellhom knisja oħra ddedikata lil San Franġisk. Dan ifisser li kienu diġà bnew binja ġmielha.

Semmejna knisja oħra. Il-*Cabreo* jsemmi li meta ġew il-patrijiet, f'din iż-żona kien hawn Kappella ddedikata lil San Mark. Aktarx li kienet kappella żgħira u allura tesgħa ftit nies. Għalhekk, minħabba li l-konkorrenza tan-nies kienet imdaqqsa u l-kappella ma setgħetx tilqa' lil kulħadd, kellhom jibnu knisja akbar. Patri Alessandru kien kiteb li fl-1535 il-Kurja ta' Malta kienet talbet lill-Gwardjan jispjega kif huma kienu qed jamministraw żewġ knejjes. Kien fl-1545

li l-Gwardjan irrisponda, għax reġa ġie mistoqsi għattieni darba. Huwa spjega li fil-fatt huma ma kellhomx żewġ knejjes, imma kienu biddlu d-dedika wara li nġiebu l-permessi kollha meħtieġa.

Il-*Cabreo* jgħid li l-kunvent tagħna kien jinsab fi Triq San Ġakbu fir-Rabat ta' Għawdex, fejn kienu jgħixu tnax -il patri. Jgħid ukoll li hemmhekk kellhom knisja ddedikata lil San Mark. Barra minn hekk l-istess *Cabreo* jkompli jispjega li fi Triq San Ġakbu hemm salib li jindika ċimiterju, li meta ġew il-patrijiet kien ġà jeżisti. Kien ċimiterju li fih ftit oqbra, oqbra li fihom kienu jindifnu xi membri ta' familji nobbli. Bħal kull ċimiterju kien jinbena barra mill-ħitan tal-belt. Fil-fatt, ftit lil hemm mill-knisja kien jeżisti Putirjal ('Porta Reale'), jew il-bieb prinċipali tal-belt.

Minħabba li barra bieb il-belt ma kienx ikun hemm protezzjoni, il-knisja u l-kunvent mhux l-ewwel darba li sfaw attakkati mill-Misilmin li kienu jaħbtu għall-gżira ta' Għawdex. Iżda l-akbar attakk li l-aktar li baqa' jissemma huwa dak tal-1551 meta Għawdex safa meqrud mill-furbani. Jingħad li fil-gżira ma tħallewx ħlief ftit xjuħ. Il-patrijiet ukoll ġew imkaxkra fil-jasar.

Wara din it-traġedja, il-Kavallieri ħasbu biex lil Għawdex jerġgħu jagħtuh ir-ruħ. Mons Pietru Dusina, il-viżitatur Appostoliku, fl-1575 eżamina l-qagħda tal-Kunvent u l-Knisja ta' San Franġisk. Huwa kellem lit-tliet patrijiet li kienu jgħixu fil-Kunvent. Dawn kienu Patri Leonardu Calleja, Patri Martin Cassar u Patri Ġwann Agius. Din hi xhieda ċara li għalkemm il-patrijiet kienu jafu bil-perikli ta' attakki u traġedji, madankollu qatt ma abbandunaw il-kunvent tagħna.

Iżda għal dan kollu kien hemm prezz x'jitħallas. Patri Lazzru Teuma O.F.M. Conv. fl-1551 ittieħed ilsir. Snin wara ġie mifdi, u rritorna lura Għawdex. Grazzi għal dan l-imbierek għax li kieku ma kienx hu, ma konniex inkunu nafu minn xiex għaddew ħutna f'dawk iż-żminijiet bikrin. Patri Lazzru miet fl-1624 fl-età venera ta' 90 sena. Il-Misilmin kienu qerdu kull dokument, iżda r-rakkonti tiegħu wasslu t-tagħrif approssimattiv li użaw l-istoriċi ta' qabilna. Barra minn hekk, fil-bidu tas-Seklu Sbatax, Patri Lazzru kien l-uniku patri preżenti f'Għawdex. Il-Kummissarju Ġenerali Patri Danjel Greco, meta fehem il-periklu li kienu fih il-patrijiet fil-Kunvent ta' Għawdex (għalhekk il-patrijiet ma ridux jiġu jgħixu Għawdex), talab lill-Gran Mastru Wignacourt biex jipprovdi kenn lill-patrijiet fil-forti ta' San



Martin fil-Gran Kastell. Il-Gran Mastru laqa' t-talba tas-Superjur Ġenerali u fl-1 ta' Diċembru 1606 ikkonċeda biċċa art ċkejkna ta' ftit iżjed minn tletin metru kwadru.

Niġu issa għall-bini tal-Kunvent li għandna llum. Kif għedna qabel, il-patrijiet ħasbu mill-ewwel biex jibnu fejn joqogħdu. L-istorja turina li l-patrijiet tagħna kienu dejjem jibnu kunvent. Fil-fatt għalhekk jissejħu Konventwali, għax kienu jgħixu fil-Kunvent. U dan kien jagħżilhom minn dawk li ma kinitx tinżlilhom li l-Franġiskani għandhom jgħixu f'kunvent. Art kellhom kemm trid. Il-*Cabreo* jsemmi li sa mill-ewwel żminijiet, il-patrijiet bdew jiksbu l-art. Fl-1511, ċerta Vitorja, mart Orlando Caxaro, ħalliet biċċa art tajba għall-ħidma f'Ta' Dbieġi biex tindifen f'qabar fil-Knisja tagħhom. Bħal Vitorja seta' kien hemm benefatturi oħrajn. Dawn żgur ikkontribwew għall-bini tal-knisja u l-kunvent. Mela mill-bidu tal-preżenza tagħhom f'dawn l-inħawi huma bdew jibnu l-kunvent, kif fil-fatt kien ġà magħruf fl-1511 fil-kuntratt ta' Victoria Caxaro.

Iżda l-post li kienu fih ma tantx kien protett. Dan għaliex il-post kien barra l-bieb tal-belt: Putirjal. Kif ġà għedna, fl-1551 spiċċa bla patrijiet u l-kunvent ġie maħruq mit-Torok. Iż-żjara ta' Mons. Dusina fl-1575 wrietna li kien hawn tliet patrijiet. L-ewwel kunvent li nbena kien kbir biżżejjed biex fih joqogħdu tnax -il patri. Minħabba fl-attakki ta' sikwit mill-Mislem, il-kunvent kellu jissewwa kemm-il darba. Però l-preżenza tal-patrijiet kompliet. Fl-1606 il-patrijiet kienu jitilgħu jorqdu f'post aktar kenni fil-Gran Kastell (illum imsejjaħ iċ-Ċittadella). Fl-1638 kien hawn jgħixu Għawdex ħames patrijiet. Fl-1652 il-Papa Innoċenz X (1644-1655) ippubblika digriet, *Instaurandae regularis disciplinae zelus* li bih ordna li fil-kunventi ma jkunx hemm inqas minn tnax-il patri. Ftit wara l-Papa nduna bl-iżball u niżżel in-numru għal sitta. Komplew il-kuntatti biex tiġi rtirata anke din l-ordni. U fl-1654 anke dan l-ordni ġie mneħħija.

Bejn l-1655 u l-1662 nbniet il-Knisja mill-ġdid taħt il-Gwardjanat ta' Patri Ewġenju Ruggier. Fl-1666 il-Gwardjan Patri Ġwann Fenech kompla jsebbaħ il-Pjan Terran tal-Kunvent billi rranġa l-kuriduri f'għamla ta' kjostru jduru maċ-ċelel. Wara kompla bena fuq in-naħa tal-parkeġġ. Din il-parti kienet lesta fl-1687 kif turi lapida fil-kuridur ta' fuq.

Minn din il-binja ta' fuq wieħed jista' jinduna kemm issebbaħ il-Kunvent. Mons Ġużeppi Farrugia



f'*Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu* jikteb: "*Il-post fejn hu mibni l-kunvent, hu l-isbaħ u l-aħjar li hawn ir-Rabat, għax wieħed minnu jista' jitgħaxxaq bil-ħdura tal-kampanja u bl-ikħal tal-baħar*". Ma' dawn nistgħu nżidu l-wied ta' Marsalforn u Sqallija meta l-atmosfera tippermetti tidher f'dehra mill-isbaħ. Il-fama tal-kunvent malajr xterrdet ma' Għawdex u Malta kollha. Ikompli Farrugia: "*Minħabba f'hekk u minħabba li dan il-kunvent fih kmamar kbar u ilma kemm trid, kellu x-xorti jilqa' fih kemm-il darba nies kbar li kienu jiġu hawn minn Malta. Fih laqa' bosta Siniskalki, Kavallieri u fus-sena 1715 lill-Gran Prijul ta' Franza De Vandosme. Fih qagħad ukoll il-Gran Mastru Manoel De Vilhena, meta fis-sena 1724 ġie Għawdex biex jieħu pussess tal-gżira. Sa llum għadha tidher fuq iċ-Cella fejn qagħad u li kienet miżmuma għalih u għall-Gran Mastri li ġew warajh*". Fil-ħamest ijiem li qagħad Għawdex il-Gran Mastru għalaq 61 sena.

Ta' min jgħid ukoll li f'waħda miċ-ċelel li tiġi taħt fejn kien il-Gran Mastru, inbniet qisha batterija fejn setgħet toqgħod l-għassa fiż-żmien li jkun hawn xi personalitajiet. Barra minn hekk il-patrijiet setgħu jorganizzaw għassa għall-istess kunvent. Iżda dan deher li ma sewa għalxejn hekk kif il-Franċiżi ħakmu wkoll lil Għawdex fl-1798 u l-patrijiet ittieħdu lejn ir-Rabat ta' Malta. Iżda hekk kif Malta ħelset mill-ħakma Franċiża, il-Patrijiet malajr reġgħu lura Għawdex.

Iż-żmien igerbeb u ma jistenna lil ħadd. Wasalna fis-Seklu Għoxrin u l-Provinċja ħasbet biex tibgħat l-istudenti Għawdex. Kienu jattendu s-seminarju ta' Għawdex. Minħabba li ċ-ċelel tan-naħa tal-parkeġġ sar dormitorju, il-kuritur beda jintuża kappella, u nbniet kamra għall-morda u ssaqqfet in-naħa ta' Triq Għajn Qatet waqt li nbnew sitt ċelel oħra għall-patrijiet. Ma' dawn inbena wkoll taraġ għal fuq il-bejt u gallerija fuq il-bieb prinċipali. Hekk il-kunvent tlesta fil-binja tiegħu kif inhu llum.

Fis-snin sebgħin saret il-binja ta' taħt il-Kunvent biex isservi ta' appoġġ għall-bini li kien qed iħoss. Id-dormitorju nbidel fi tliet kmamar. Fis-snin tmenin tlestiet is-Sala Sant' Antnin, u tranġa l-Mużew. Fis-snin disgħin sar 'refurbishment' tal-kċina u r-refettorju jew aħjar refettorji. Fil-kmamar tal-patrijiet tan-naħa tal-parkeġġ ġew installati sistemi tad-drenaġġ u kmamar tal-banju. Issa jmiss li jitranġaw il-kmamar tan-naħa ta' Triq Għajn Qatet biex ikunu abitabbli fiż-żmien li ġej.

